**Fid-dawl tat-tama**

Bdejna miexja bħala Knisja
Ilkoll flimkien imsieħba fit-talb,
Għax irridu lkoll lil Kristu
Dak li jfejjaq mill-qiegħ il-qalb.

F'dal-vjaġġ sabiħ lejn it-tama
Immarkat b'ruxxmata barkiet,
Ikoll nokorbu għall-imħabba
Li tiġi fuqna mis-smewwiet.

It-tama għalina ħajja
Anki fl-eqqel żmien ta' tiġrib,
Kif jista' Kristu jħallina
waħedna? Hu l-akbar ħabib?

Mhux hu li sar wieħed minna?
Tant iċċekken w miet għalina?
Possibbli li għandu l-ħila
Li jitlaqna u jħallina?

Mela nsejna kemm swejnielu?
Għalina ta l-għeżeż ħajtu?
Ejjew inqumu fuq tagħna
U lilu flimkien lkoll ngħajtu:

"Ħenn ghalina Kristu Alla
Gesu tagħna ismek qaddis,
Ejja, oħrogna 'il barra
Tina l-arja minn dat-tidnis.

Għax fid-dawl tieghek nintebħu
Li int il-waħdieni Feddej,
Int biss Ġesù t-tama tagħna
Ghaż-żmien t'issa u ta' li ġej.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Janaar 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.